MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Numru. 1201/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Anthony Abela**
**John Abela**

Kumpilazzjoni Nru: 1201/2010

Illum, 02 ta’ Frar, 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

Anthony Abela, iben Joseph u Mary nee’ Abela, imwieled Pieta’, fis-26 ta’ Jannar, 1981 u residenti fil-fond numru 7,

Triq il-Kotob, Zejtun u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru: 73081M

U

John Abela, iben Simon u Rita nee' Caruana, imwieled Pieta', fl-24 ta' Frar, 1984 u residenti fil-fond numru 43, Triq i-Habel ix-Xghir, Zejtun u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 133884M

Akkuzati talli nhar is-26 ta' Settembru, 2010, ghall-habta ta' bejn 12:15am u 12:45 gewwa Monte Cristo, limiti ta' Hal Qormi bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe' li jikkommettu serq ta' 'handbag', ta' kartiera u ta' 130 Ewro kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bil-hin, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tal-imsemmi delitt, li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghhom.

Lil John Abela wahdu talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza hi definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-artikoli 49, 50, 41, 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat Anthony Abela ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rt li waqt l-istess udjenza l-imputat John Abela ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu; huwa kkontesta t-tieni imputazzjoni.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat Anthony Abela ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata. L-imputat John Abela ammetta din l-istess imputazzjoni li ghalehkk hija pruvata fil-konfront tieghu ukoll.

Illi dwar l-addebietu tar-recidiva fil-konfront ta' John Abela jirrizulta li b'l-unika sentenza mghotija fil-konfront tieghu huwa ghalkemm misjuba hati gie liberat ai termini ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Din ma tikostitwiex kundanna konsegwentement l-addebietu tar-recidiva ma giex pruvat.
Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstabu hatja l-imputati, ic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, kif ukoll l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,

Wara li rat l-artikoli 41, 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Anthony Abela** hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena; u

Fil-waqt li ma ssibx lill-imputat **John Abela** hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 41, 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssibu hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghhom u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------